KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 13.5.2005
KUMM(2005) 191 finali

2005/0091 (AVC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar ta' applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-għaxar Stati Membri ġodda daħlu fl-Unjoni Ewopea fl-1 ta' Mejju 2004. Taħt l-Artikolu 6(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni 2003, l-Istati Membri ġodda impenjaw ruħhom li jiffirmaw, fost ħwejjeġ oħra, il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija. L-Artikolu 6(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni jipprovdi għal proċedura simplifikata, l-aktar, il-konklużjoni ta' protokoll mill-Kunsill, li jaġixxi unanimament f'isem l-Istati Membri u t-tielet pajjiż ikkonċernat. Din il-proċedura hi mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Komunità tagħha stess u ma taffettwax l-allokazzjoni tal-poteri bejn il-Komunità u l-Istati Membri.

Dawn il-proposti jirrispettaw ukoll il-konklujonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2004 li jirrelataw ma' l-iffirmar tat-tali protokoll.

Il-Kummissjoni nnegozjat dan il-Protokoll Addizzjonali fuq il-bażżi ta' direttivi ta' negozjar adottati mill-Kunsill fid-9 ta' Marzu 2004.

Il-proposti mehmużin huma għal (1) id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Protokoll Addizzjonali u (2) id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokol Addizzjonali.

L-Artikolu 1 (1) tal-Protokoll Addizzjonali jieħu kont ta' proċeduri ta' ratifika fil-passat li ma kinux kompluti fir-rigward ta' adeżjoni preċedenti ta' sitt Stati Membri. Anke jekk dawn il-proċeduri ta' qabel ma ġewx kompluti, madanakollu kien hemm assoċjazzjoni de facto u de jure bejn dawn l-istati u t-Turkija. Dan jidher ċar fit-tieni "konsiderazzjoni" tal-protokoll addizzjonali.

Il-Protokoll Addizzjonali jipprovdi għall-adattazzjonijiet tekniċi neċessarji għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li jirriżulta mid-dħul ta' partijiet kontraenti ġodda. Il-Protokoll Addizzjonali jinkludi numru ta' aġġustamenti miġjuba minn żviluppi istituzzjonali u legali fi ħdan il-KE, kif ukoll bid-dħul ta' Stati Membri ġodda fi ħdan dan il-ftehim imħallat u żieda fin-numru ta' lingwi uffiċjali.

Il-Kummissjoni titlob lill-Kunsill sabiex jadotta l-proposti mehmużin għad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Protokoll Addizzjonali. Il-Parlament Ewropew se jiġi kkonsultat biex jagħti l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni ta' dan il-Protokoll Addizzjonali.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310, flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni 2003, u b'mod partikulari l-Artikolu 6(2),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[1],

Billi:

(1) Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, iffirmat f'Ankara fit-12 ta' Settembru 1963 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Ankara")[2], daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1964.

(2) L-Artikolu 6, paragrafu 2 ta' l-Att ta' Adeżjoni jobbliga lill-Istati Membri jiffirmaw il-ftehimiet konklużi mill-Istati Membri u l-Komunità, li taġixxi b'mod konġunt ma' pajjiżi terzi.

(3) Il-Kummissjoni, awtorizzata mill-Kunsill biex tinnegozja mat-Turkija Protokoll għall-Ftehim ta' Ankara biex jieħu kont tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea, temmet b'suċċess dawn in-negozjati.

(4) Suġġett għall-konklużjoni tiegħu, il-Protokoll Addizzjonali għandu jiġi ffirmat f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Waħdieni

Il-President tal-Kunsill hu hawnhekk awtorizzat li jaħtar persuna/persuni li jkollha/jkollhom il-poter tiffirma/jiffirmaw, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha/tagħhom, u suġġett għall-konklużjoni tiegħu, il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija wara t-tkabbir ta' l-Unjoni.

---

[1] ĠU C [...] [...], p. [...].

[2] ĠU 217, tad-29.12.1964, p. 3687/64

It-test tal-Protokoll Addizzjonali hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

2005/0091 (AVC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar ta' applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310, flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu u t-tieni subparagrafu ta' Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni 2003, u b'mod partikulari l-Artikolu 6(2),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[3]

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew[4],

Billi:

(1) Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, iffirmat f'Ankara fit-12 ta' Settembru 1963 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Ankara")[5], daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1964.

(2) L-Artikolu 6, paragrafu 2 ta' l-Att ta' Adeżjoni jobbliga lill-Istati Membri jiffirmaw il-ftehimiet konklużi mill-Istati Membri u l-Komunità, li taġixxi b'mod konġunt ma' pajjiżi terzi.

(3) Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Ankara biex jieħu kont ta' l-adeżjoni ta' l-Istati Membri Ġodda kien innegozjat mill-Kummissjoni u kien iffirmat fi.

(4) L-Protokoll Addizzjonali għandu jiġi approvat.

---

3 ĠU C [...] [...], p. [...]
4 ĠU
5 ĠU 217, 29.12.1964, p. 3687/64

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Waħdieni

Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea, hu hawnhekk approvat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha[6].

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[6] It-test tal-Protokoll Addizzjonali hu mehmuż ma' Deċiżjoni xxx (ĠU nru. L xxx).

PROTOKOLL ADDIZZJONALI

għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' FRANZA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

minn issa 'l quddiem imsejħin 'l-Istati Membri', irrappreżentati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, u

Il-KOMUNITÀ EWROPEA, irrappreżentata mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea,

min-naħa l-waħda

u r-REPUBBLIKA TAT-TURKIJA, minn issa 'l quddiem imsejħa t-Turkija

min-naħa l-oħra,

WARA LI KKUNSIDRAW:

(1) il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Ankara")[7], kien iffirmat f'Ankara fit-12 ta' Settembru 1963 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1964, u li dan il-Ftehim kien emendat bi Protokoll Supplimentari, iffirmat fit-30 ta' Ġunju 1973[8], billi dan il-Ftehim sar applikabbli fid-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit;

(2) dan il-Ftehim, kif emendat, sar applikabbli wara l-adeżjoni fil-Komunità Ewropea tar-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika Finlandiża, ir-Renju ta' l-Iżvezja;

(3) dan il-Ftehim għandu jkun applikabbli għat-Turkija u għall-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea kif imkabbra permezz tat-Trattat li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika tas-Slovakkja fl-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "it-Trattat ta' l-Adeżjoni")[9] li kien iffirmat f'Ateni fis-16 t'April 2003 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004;

IDDETERMINAW li jiżviluppaw aktar l-Assoċjazzjoni fil-kuntest ta' Unjoni mkabbra;

FTIEHMU DAN LI ĠEJ:

PARTIJIET KONTRAENTI U TERRITORJU TA' APPLIKAZZJONI

Artikolu 1

1. Ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka (minn issa 'l quddiem imsejħa 'l-Istati Membri l-ġodda')

---

7 ĠU ta' l-1964 p. 3687/64
8 ĠU, L361, tal-31.12.1977, p. 2.
9 ĠU L 236, tat-23.9.2003

għandhom ikunu l-Partijiet għall-ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, iffirmat f'Ankara fit-12 ta' Settembru 1963 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim ta' Ankara') u għandhom rispettivament jadottaw u jieħdu nota, bħall-Istati Membri l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej jiġifieri r-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta' l-Iżvezja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Renju Unit tal-Gran Brettanja u l-Irlanda ta' Fuq, tat-testi ta' dan il-Ftehim, tal-Protokolli u Dikjarazzjonijiet annessi ma' l-Att Finali ffirmat fl-istess data kif ukoll l-emendi kollha sussegwenti, Ftehim, Protokolli, Deċiżjonijiet u Dikjarazzjonijiet adottati li huma relatati mal-Ftehim ta' Ankara.

2. L-espressjoni 'il-Komunità Ekonomika Ewropea' jew, fil-qosor, 'il-Komunità' għandha tkun sostitwita bl-espressjoni 'il-Komunità Ewropea' tul it-testi msemmija fil-paragrafi preċedenti.

3. L-Artikolu 29 tal-Ftehim ta' Ankara hu mibdul bit-test li ġej:

"Dan il-Ftehim għandu japplika għat-territorju li għalih it-Trattat li jistabbilixxu l-Komunità Ewropea japplika, taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'dan it-Trattat, u għat-territorju tar-Repubblika tat-Turkija.'

SKADENZA TAT-TRATTAT KEFA U TAL-PRODOTTI KEFA

Artikolu 2

Skadenza tat-Trattat KEFA

Biex jittieħdu in konsiderazzjoni l-iżviluppi istituzzjonali riċenti fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-Partijiet ftiehmu li wara l-iskadenza tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA), id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-ftehimiet u atti relatati fl-Artikolu 1 (1) li jirreferu għall-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar għandhom jitqiesu li jirreferu għall-Komunità Ewropea li ħadet id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet ikkuntrattati mill-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.

Artikolu 3

Regoli ta' l-Oriġini

Il-Protokoll 1 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u r-Repubblika tat-Turkija dwar negozju fi prodotti koperti bit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar[10] (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'Ftehim dwar prodotti tal-faħam u l-azzar') għandu jkun emendat kif ġej:

1. Artikolu 16 (4) għandu jkun sostitwit b'dan li gej: (…)

Ċertifikati tal-moviment EUR.1 maħruġa retrospettivament għandhom ikunu approvati b'waħda mill-frażijiet li ġejjin:

ES "EXPEDIDO A POSTERIORI"

CS "VYSTAVENO DODATEČNĚ"

DA "UDSTEDT EFTERFØLGENDE"

DE "NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT"

ET "VÄLJA ANTUD TAGASIULATUVALT"

EL "ΕΚΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ"

EN "ISSUED RETROSPECTIVELY"

FR "DÉLIVRÉ A POSTERIORI"

IT "RILASCIATO A POSTERIORI"

LV "IZSNIEGTS RETROSPEKTĪVI"

[10] ĠU L 227, tas-7.9.1996, kif l-aħħar emendata b'Deċi¿joni Nru 2/99 tal-Kumitat Konġunt tat-8 ta' Lulju 1999 (ĠU L 212, 12.8.1999).

LT "RETROSPEKTYVUSIS IŠDAVIMAS"

HU "KIADVA VISSZAMENŐLEGES HATÁLLYAL"

MT "MAĦRUĠ RETROSPETTIVAMENT"

NL "AFGEGEVEN A POSTERIORI"

PL "WYSTAWIONE RETROSPEKTYWNIE"

PT "EMITIDO A POSTERIORI"

SL "IZDANO NAKNADNO"

SK "VYDANÉ DODATOČNE"

FI "ANNETTU JÄLKIKÄTEEN"

SV "UTFÄRDAT I EFTERHAND"

TR "SONRADAN VERİLMİŞTİR".

2. L-Artikolu 17(2) għandu jkun sostitwit b'dan li ġej(...)

Id-dupplikat maħruġ b'dan il-mod għandu jkun approvat b'waħda mill-kelmiet li ġejjin:

ES "DUPLICADO"

CS "DUPLIKÁT"

DA "DUPLIKAT"

DE "DUPLIKAT"

ET "DUPLIKAAT"

EL "ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ"

EN "DUPLICATE"

FR "DUPLICATA"

IT "DUPLICATO"

LV "DUBLIKĀTS"

LT "DUBLIKATAS"

HU "MÁSODLAT"

MT "DUPLIKAT"

NL "DUPLICAAT"

PL "DUPLIKAT"

PT "SEGUNDA VIA"

SL "DVOJNIK"

SK "DUPLIKÁT"

FI "KAKSOISKAPPALE"

SV "DUPLIKAT"

TR "İKİNCİ NÜSHADIR"

3. Anness IV għandu jkun sostitwit b'li ġej:

"Test tad-dikjarazzjoni b'invojs

Id-dikjarazzjoni b'invojs, li t-test tagħha hu mogħti hawn taħt, trid issir skond in-notamenti f'qiegħ il-paġna. Madanakollu, in-notamenti ma jridux jiġu riprodotti.

Verżjoni Spanjola

El exportador de los productos incluidos en el presente documento (autorización aduanera n° .. …[1].) declara que, salvo indicación en sentido contrario, estos productos gozan de un origen preferencial . …[2].

Verżjoni Ċeka

Vývozce výrobků uvedených v tomto dokumentu (číslo povolení …[1]) prohlašuje, že kromě zřetelně označených, mají tyto výrobky preferenční původ v …[2].

Verżjoni Daniża

Eksportøren af varer, der er omfattet af nærværende dokument, (toldmyndighedernes tilladelse nr. ...[1]), erklærer, at varerne, medmindre andet tydeligt er angivet, har præferenceoprindelse i ...[2].

Verżjoni Ġermaniża

Der Ausführer (Ermächtigter Ausführer; Bewilligungs-Nr. ...[1]) der Waren, auf die sich dieses Handelspapier bezieht, erklärt, dass diese Waren, soweit nicht anders angegeben, präferenzbegünstigte ...[2] Ursprungswaren sind.

Verżjoni Estonjana

Käesoleva dokumendiga hõlmatud toodete eksportija (tolliameti kinnitus nr. ...[1]) deklareerib, et need tooted on ...[2] sooduspäritoluga, välja arvatud juhul kui on selgelt näidatud teisiti.

Verżjoni Griega

Ο εξαγωγέας των προϊόντων που καλύπτονται από το παρόν έγγραφο (άδεια τελωνείου υπ΄αριθ. ...[1]) δηλώνει ότι, εκτός εάν δηλώνεται σαφώς άλλως, τα προϊόντα αυτά είναι προτιμησιακής καταγωγής ...[2].

Verżjoni Ingliża

The exporter of the products covered by this document (customs authorization No ...[1]) declares that, except where otherwise clearly indicated, these products are of ...[2] preferential origin.

Verżjoni Franċiża

L'exportateur des produits couverts par le présent document (autorisation douanière n° ...[1]) déclare que, sauf indication claire du contraire, ces produits ont l'origine préférentielle ... [2]).

Verżjoni Taljana

L'esportatore delle merci contemplate nel presente documento (autorizzazione doganale n. ...[1]) dichia)) dichiara che, salvo indicazione contraria, le merci sono di origine preferenziale ...[2].).

Verżjoni Latvjana

Eksportētājs produktiem, kuri ietverti šajā dokumentā (muitas pilnvara Nr. …[1]), deklarē, ka, izņemot tur, kur ir citādi skaidri noteikts, šiem produktiem ir priekšrocību izcelsme no …[2].

Verżjoni Litwanjana

Šiame dokumente išvardintų prekių eksportuotojas (muitinės liudijimo Nr …[1]) deklaruoja, kad, jeigu kitaip nenurodyta, tai yra …[2] preferencinės kilmės prekės.

Verżjoni Ungeriża

A jelen okmányban szereplő áruk exportőre (vám-felhatalmazási szám: …[1]) kijelentem, hogy eltérő jelzés hiányában az áruk kedvezményes …[2] származásúak.

Verżjoni Maltija

L-esportatur tal-prodotti koperti b'dan id-dokument (awtorizzazzjoni tad-dwana nru. …[1]) jiddikjara li, ħlief fejn indikat b'mod ċar li mhux hekk, dawn il-prodotti huma ta' oriġini preferenzjali …[2].

Verżjoni Olandiża

De exporteur van de goederen waarop dit document van toepassing is (douanevergunning nr. ...[1]), verklaart dat, behoudens uitdrukkelijke andersluidende vermelding, deze goederen van preferentiële ... oorsprong zijn [2].

Verżjoni Pollakka

Eksporter produktów objętych tym dokumentem (upoważnienie władz celnych nr …[1]) deklaruje, że z wyjątkiem gdzie jest to wyraźnie określone, produkty te mają …[2] preferencyjne pochodzenie.

Verżjoni Portugiża

O exportador dos produtos cobertos pelo presente documento (autorização aduaneira n°. ...[1]), declara que, salvo expressamente indicado em contrário, estes produtos são de origem preferencial ...[2].

Verżjoni Slovena

Izvoznik blaga, zajetega s tem dokumentom (pooblastilo carinskih organov št …[1]) izjavlja, da, razen če ni drugače jasno navedeno, ima to blago preferencialno …[2] poreklo.

Verżjoni Slovakka

Vývozca výrobkov uvedených v tomto dokumente (číslo povolenia …[1]) vyhlasuje, že okrem zreteľne označených, majú tieto výrobky preferenčný pôvod v …[2].

Verżjoni Finlandiża

Tässä asiakirjassa mainittujen tuotteiden viejä (tullin lupa n:o ...[1]) ilmoittaa, että nämä tuotteet ovat, ellei toisin ole selvästi merkitty, etuuskohteluun oikeutettuja ... alkuperätuotteita [2].

Verżjoni Svediża

Exportören av de varor som omfattas av detta dokument (tullmyndighetens tillstånd nr. ...[1]) försäkrar att dessa varor, om inte annat tydligt markerats, har förmånsberättigande ... ursprung [2].

Verżjoni Torka

İşbu belge (gümrük onay No: … [1] kapsamındaki maddelerin ihracatçısı aksi açıkça belirtilmedikçe, bu maddelerin … menşeli ve tercihli[2] maddeler olduğunu beyan eder.

..... [3] (Post u data)

..... [4]

(firma ta' l-esportatur, b'żieda ma' dan, l-isem tal-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni jrid jiġi indikat b'kitba ċara)

1. Meta d-dikjarazzjoni b'invojs issir minn esportatur approvat fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 20 tal-Protokoll, in-numru t'awtorizzazzjoni ta' l-esportatur approvat jeħtieġ li jiddaħħal f'dan l-ispazju. Meta d-dikjarazzjoni b'invojs ma ssirx minn esportatur approvat, il-kliem fil-parenteżi għandu jitħalla barra jew l-ispazju jitħalla vojt.

2. L-oriġini tal-prodotti trid tkun indikata. Meta d-dikjarazzjoni b'invojs tkun kollha kemm hi jew parti minnha relatata, ma' prodotti li joriġinaw minn Ceuta u Melilla fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 33 tal-Protokoll, l-esportatur irid jindikahom b'mod ċar fid-dokument li fih issir id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu "CM".

3. Dawn l-indikazzjonijiet jistgħu jitħallew barra jekk l-informazzjoni tinsab fid-dokument inniffsu.

4. Ara l-Artikolu 19 (5) tal-Protokoll. F'każijiet fejn l-esportatur hu meħtieġ li jiffirma, l-eżenzjoni tal-firma timplika wkoll l-eżenzjoni ta' l-isem tal-firmatarju."[11]

[11] Il-protokoll li hemm referenza għalih f'dawn in-noti ta' qiegħ il-paġna jirreferi għall-Protokoll 1 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u r-Repubblika tat-Turkija dwar kummerċ fi prodotti koperti bit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar

PRODOTTI AGRIKOLI

Artikolu 4

Regoli ta' l-Oriġini

Il-Protokoll 3 għad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tal-15 ta' Frar 1998 dwar ir-reġim ta' kummerċ għal prodotti[12] agrikoli (minn issa 'l quddiem imsejħa 'Id-Deċiżjoni dwar prodotti agrikoli') għandu jkun emendat kif ġej:

1. Artikolu 16 (4) għandu jkun sostitwit b'dan li gej:

(…)

Ċertifikati tal-moviment EUR.1 maħruġa retrospettivament għandom ikunu approvati b'waħda mill-frażijiet li ġejjin:

ES "EXPEDIDO A POSTERIORI"

CS "VYSTAVENO DODATEČNĚ"

DA "UDSTEDT EFTERFØLGENDE"

DE "NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT"

ET "VÄLJA ANTUD TAGASIULATUVALT"

EL "ΕΚΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ"

EN "ISSUED RETROSPECTIVELY"

FR "DÉLIVRÉ A POSTERIORI"

IT "RILASCIATO A POSTERIORI"

LV "IZSNIEGTS RETROSPEKTĪVI"

LT "RETROSPEKTYVUSIS IŠDAVIMAS"

HU "KIADVA VISSZAMENŐLEGES HATÁLLYAL"

MT "MAĦRUĠ RETROSPETTIVAMENT"

NL "AFGEGEVEN A POSTERIORI"

PL "WYSTAWIONE RETROSPEKTYWNIE"

[12] ĠU L 86, ta' l-20.3.1998

PT "EMITIDO A POSTERIORI"

SL "IZDANO NAKNADNO"

SK "VYDANÉ DODATOČNE"

FI "ANNETTU JÄLKIKÄTEEN"

SV "UTFÄRDAT I EFTERHAND"

TR "SONRADAN VERİLMİŞTİR".

2. L-Artikolu 17 (2) għandu jkun sostitwit b'dan li gej:

(…)

Id-dupplikat maħruġ b'dan il-mod għandu jkun approvat b'waħda mill-kelmiet li ġejjin:

ES "DUPLICADO"

CS "DUPLIKÁT"

DA "DUPLIKAT"

DE "DUPLIKAT"

ET "DUPLIKAAT"

EL "ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ"

EN "DUPLICATE"

FR "DUPLICATA"

IT "DUPLICATO"

LV "DUBLIKĀTS"

LT "DUBLIKATAS"

HU "MÁSODLAT"

MT "DUPLIKAT"

NL "DUPLICAAT"

PL "DUPLIKAT"

PT "SEGUNDA VIA"

SL "DVOJNIK"

SK "DUPLIKÁT"

FI "KAKSOISKAPPALE"

SV "DUPLIKAT"

TR "İKİNCİ NÜSHADIR"

3. L-Anness IV għandu jkun sostitwit b'li ġej:

"Test tad-dikjarazzjoni b'invojs

Id-dikjarazzjoni b'invojs, li t-test tagħha hu mogħti hawn taħt, trid issir skond in-notamenti f'qiegħ il-paġna. Madanakollu, in-notamenti ma jridux jiġu riprodotti.

Verżjoni Spanjola

El exportador de los productos incluidos en el presente documento (autorización aduanera n° .. …[1].) declara que, salvo indicación en sentido contrario, estos productos gozan de un origen preferencial . …[2].

Verżjoni Ċeka

Vývozce výrobků uvedených v tomto dokumentu (číslo povolení …[1]) prohlašuje, že kromě zřetelně označených, mají tyto výrobky preferenční původ v …[2].

Verżjoni Daniża

Eksportøren af varer, der er omfattet af nærværende dokument, (toldmyndighedernes tilladelse nr. ...[1]), erklærer, at varerne, medmindre andet tydeligt er angivet, har præferenceoprindelse i ...[2].

Verżjoni Ġermaniża

Der Ausführer (Ermächtigter Ausführer; Bewilligungs-Nr. ...[1]) der Waren, auf die sich dieses Handelspapier bezieht, erklärt, dass diese Waren, soweit nicht anders angegeben, präferenzbegünstigte ...[2] Ursprungswaren sind.

Verżjoni Estonjana

Käesoleva dokumendiga hõlmatud toodete eksportija (tolliameti kinnitus nr. ...[1]) deklareerib, et need tooted on ...[2] sooduspäritoluga, välja arvatud juhul kui on selgelt näidatud teisiti.

Verżjoni Griega

Ο εξαγωγέας των προϊόντων που καλύπτονται από το παρόν έγγραφο (άδεια τελωνείου υπ΄αριθ. ...[1]) δηλώνει ότι, εκτός εάν δηλώνεται σαφώς άλλως, τα προϊόντα αυτά είναι προτιμησιακής καταγωγής ...[2].

Verżjoni Ingliża

The exporter of the products covered by this document (customs authorization No ...[1]) declares that, except where otherwise clearly indicated, these products are of ...[2] preferential origin.

Verżjoni Franċiża

L'exportateur des produits couverts par le présent document (autorisation douanière n° ...[1]) déclare que, sauf indication claire du contraire, ces produits ont l'origine préférentielle ... [2]).

Verżjoni Taljana

L'esportatore delle merci contemplate nel presente documento (autorizzazione doganale n. ...[1]) dichia)) dichiara che, salvo indicazione contraria, le merci sono di origine preferenziale ...[2].).

Verżjoni Latvjana

Eksportētājs produktiem, kuri ietverti šajā dokumentā (muitas pilnvara Nr. …[1]), deklarē, ka, izņemot tur, kur ir citādi skaidri noteikts, šiem produktiem ir priekšrocību izcelsme no …[2].

Verżjoni Litwanjana

Šiame dokumente išvardintų prekių eksportuotojas (muitinės liudijimo Nr …[1]) deklaruoja, kad, jeigu kitaip nenurodyta, tai yra …[2] preferencinės kilmės prekės.

Verżjoni Ungeriża

A jelen okmányban szereplő áruk exportőre (vám-felhatalmazási szám: …[1]) kijelentem, hogy eltérő jelzés hiányában az áruk kedvezményes …[2] származásúak.

Verżjoni Maltija

L-esportatur tal-prodotti koperti b'dan id-dokument (awtorizzazzjoni tad-dwana nru. …[1]) jiddikjara li, ħlief fejn indikat b'mod ċar li mhux hekk, dawn il-prodotti huma ta' oriġini preferenzjali …[2].

Verżjoni Olandiża

De exporteur van de goederen waarop dit document van toepassing is (douanevergunning nr. ...[1]), verklaart dat, behoudens uitdrukkelijke andersluidende vermelding, deze goederen van preferentiële ... oorsprong zijn [2].

Verżjoni Pollakka

Eksporter produktów objętych tym dokumentem (upoważnienie władz celnych nr …[1]) deklaruje, że z wyjątkiem gdzie jest to wyraźnie określone, produkty te mają …[2] preferencyjne pochodzenie.

Verżjoni Portugiża

O exportador dos produtos cobertos pelo presente documento (autorização aduaneira n°. ...[1]), declara que, salvo expressamente indicado em contrário, estes produtos são de origem preferencial ...[2].

Verżjoni Slovena

Izvoznik blaga, zajetega s tem dokumentom (pooblastilo carinskih organov št …[1]) izjavlja, da, razen če ni drugače jasno navedeno, ima to blago preferencialno …[2] poreklo.

Verżjoni Slovakka

Vývozca výrobkov uvedených v tomto dokumente (číslo povolenia …[1]) vyhlasuje, že okrem zreteľne označených, majú tieto výrobky preferenčný pôvod v …[2].

Verżjoni Finlandiża

Tässä asiakirjassa mainittujen tuotteiden viejä (tullin lupa n:o ...[1]) ilmoittaa, että nämä tuotteet ovat, ellei toisin ole selvästi merkitty, etuuskohteluun oikeutettuja ... alkuperätuotteita [2].

Verżjoni Żvediża

Exportören av de varor som omfattas av detta dokument (tullmyndighetens tillstånd nr. ...[1]) försäkrar att dessa varor, om inte annat tydligt markerats, har förmånsberättigande ... ursprung [2].

Verżjoni Torka

İşbu belge (gümrük onay No: … [1] kapsamındaki maddelerin ihracatçısı aksi açıkça belirtilmedikçe, bu maddelerin … menşeli ve tercihli[2] maddeler olduğunu beyaneder.

..... [3] (Post u data)

..... [4]

(firma ta' l-esportatur, b'żieda ma' dan, l-isem tal-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni jrid jiġi indikat b'kitba ċara)

1 Meta d-dikjarazzjoni b'invojs issir minn esportatur approvat fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 20 tal-Protokoll, in-numru t'awtorizzazzjoni ta' l-esportatur approvat jeħtieġ li jiddaħħal f'dan l-ispazju. Meta d-dikjarazzjoni b'invojs ma ssirx minn esportatur approvat, il-kliem fil-parenteżi għandu jitħalla barra jew l-ispazju jitħalla vojt.

2 L-oriġini tal-prodotti trid tkun indikata. Meta d-dikjarazzjoni b'invojs tkun kollha kemm hi jew parti minnha relatata, ma' prodotti li joriġinaw minn Ceuta u Melilla fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 34 tal-Protokoll, l-esportatur irid jindikahom b'mod ċar fid-dokument li fih issir id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu "CM".

3 Dawn l-indikazzjonijiet jistgħu jitħallew barra jekk l-informazzjoni tinsab fid-dokument inniffsu.

4 Ara l-Artikolu 19 (5) tal-Protokoll. F'każijiet fejn l-esportatur hu meħtieġ li jiffirma, l-eżenzjoni tal-firma timplika wkoll l-eżenzjoni ta' l-isem tal-firmatarju."[13]

[13] Il-protokoll li hemm referenza għalih f'dawn in-noti ta' qiegħ il-paġna jirreferi għal Protokoll 3 tad-Deċiżjoni Nru 1/98 ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill KE-Turkija tal-25 ta' Frar dwar ir-reġim ta' kummerċ għal prodotti agrikoli.

Artikolu 5

Aġġustament ta' kwoti ta' tariffi għal prodotti agrikoli

L-arranġamenti għall-importazzjoni fil-Komunità applikabbli għal ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fit-Turkija u l-arranġamenti għall-importazzjoni fit-Turkija applikabbli għal ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fil-Komunità jrid jintlaħaq qbil dwarhom b'mod konġunt u ordnat mill-Partijiet, malajr kemm jista' jkun, taħt il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim ta' Ankara. B'hekk, konċessjonijiet eżistenti ta' kummerċ u l-kummerċ tradizzjonali li għaddej fi prodotti agrikoli bejn it-Turkija u l-Istati l-Membri l-Ġodda jridu jkunu rispettati kif xieraq.

DISPOŻIZZJONIJIET TA' UNJONI TAD-DWANA

Artikolu 6

(Ċertifikat ta' moviment A.TR u kooperazzjoni amministrattiva)

1. Ċertifikati ta' moviment A.TR maħruġa kif suppost mit-Turkija u mill-Istati Membri l-ġodda għandhom jiġu aċċettati fil-pajjiżi rispettivi. Id-dispożizzjonijiet għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' moviment A.TR u għal kooperazzjoni ammininistrattiva relevanti huma stipulati fid-Deċiżjoni 1/2001 tal-Kumitat għal-Kooperazzjoni tad-Dwana KE-Turkija[14].

2. Ċertifikati tal-moviment A.TR magħmula f'żewġ kopji, li huma maħruġa skond l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni 1/2001 jeħtieġ li jkunu approvati b'waħda mill-kliem li ġejjin.

ES "DUPLICADO"

CS "DUPLIKÁT"

DA "DUPLIKAT"

DE "DUPLIKAT"

ET "DUPLIKAAT"

EL "ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ"

EN "DUPLICATE"

FR "DUPLICATA"

IT "DUPLICATO"

LV "DUBLIKĀTS"

LT "DUBLIKATAS"

[14] ĠU L 98, tas-7.4.2001, p. 31, id-Deċiżjoni kif modifikata b'Deċiżjoni 1/2003 (ĠU L 2003, ta' l-4.2.2003, p. 51)

HU "MÁSODLAT"

MT "DUPLIKAT"

NL "DUPLICAAT"

PL "DUPLIKAT"

PT "SEGUNDA VIA"

SL "DVOJNIK"

SK "DUPLIKÁT"

FI "KAKSOISKAPPALE"

SV "DUPLIKAT"

TR "İKİNCİ NÜSHADIR"

3. Ċertifikati tal-moviment A.TR maħruġa taħt il-proċedura simplifikata skond l-Artikolu 11 (6) tad-Deċiżjoni 1/2001 jeħtieġ li jkunu approvati b'waħda mill-frażijiet li ġejjin.

'ES "Procedimiento simplificado"

CS "Zjednodušený postup"

DA "Forenklet fremgangsmåde"

DE "Vereinfachtes Verfahren"

ET "Lihtsustatud tolliprotseduur"

EL "*Απλουστευμένη διαδικασία*"

EN "Simplified procedure"

FR "Procédure simplifiée"

IT "Procedura semplificata"

LV "Vienkāršota procedūra"

LT "Supaprastinta procedūra"

HU "Egyszerűsített eljárás"

MT "Procedura simplifikata"

NL "Vereenvoudigde regeling"

PL "Procedura uproszczona"

PT "Procedimento simplificado"

SL "Poenostavljen postopek"

SK "Zjednodušený postup"

FI "Yksinkertaistettu menettely"

SV "Förenklat förfarande"

TR "Basitleştirilmiş işlem" '

4. Ċertifikati tal-moviment A.TR maħruġa retrospettivament skond l-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni 1/2001 jeħtieġ li jkunu approvati b'waħda mill-frażijiet li ġejjin.

ES "EXPEDIDO A POSTERIORI"

CS "VYSTAVENO DODATEČNĚ"

DA "UDSTEDT EFTERFØLGENDE"

DE "NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT"

ET "VÄLJA ANTUD TAGASIULATUVALT"

EL "ΕΚΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ"

EN "ISSUED RETROSPECTIVELY"

FR "DÉLIVRÉ A POSTERIORI"

IT "RILASCIATO A POSTERIORI"

LV "IZSNIEGTS RETROSPEKTĪVI"

LT "RETROSPEKTYVUSIS IŠDAVIMAS"

HU "KIADVA VISSZAMENŐLEGES HATÁLLYAL"

MT "MAĦRUĠ RETROSPETTIVAMENT"

NL "AFGEGEVEN A POSTERIORI"

PL "WYSTAWIONE RETROSPEKTYWNIE"

PT "EMITIDO A POSTERIORI"

SL "IZDANO NAKNADNO"

SK "VYDANÉ DODATOČNE"

FI "ANNETTU JÄLKIKÄTEEN"

SV "UTFÄRDAT I EFTERHAND"

TR "SONRADAN VERİLMİŞTİR".

Artikolu 7

L-ipproċessar passi

1. Il-karta t'informazzjoni INF 2, maħruġa kif suppost skond l-Artikoli 22 u 26 tad-Deċiżjoni 1/2001 tal-Kumitat għall-Kooperazzjoni tad-Dwana KE-Turkija, mit-Turkija jew l-Istati Membri ġodda għandhom ikunu aċċettati fil-pajjiżi rispettivi.

2. Karti ta' l-Informazzjoni duppliċi INF 2 maħruġa skond l-Artikolu 26 tad-Deċiżjoni 1/2001 jeħtieġ li jkunu approvati b'waħda mill-kliem li ġejjin.

ES "DUPLICADO"

CS "DUPLIKÁT"

DA "DUPLIKAT"

DE "DUPLIKAT"

ET "DUPLIKAAT"

EL "ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ"

EN "DUPLICATE"

FR "DUPLICATA"

IT "DUPLICATO"

LV "DUBLIKĀTS"

LT "DUBLIKATAS"

HU "MÁSODLAT"

MT "DUPLIKAT"

NL "DUPLICAAT"

PL "DUPLIKAT"

PT "SEGUNDA VIA"

SL "DVOJNIK"

SK "DUPLIKÁT"

FI "KAKSOISKAPPALE"

SV "DUPLIKAT"

TR " İKİNCİ NÜSHADIR ".

Artikolu 8

Oġġetti li jiġu ritornati

1. Il-karta t'informazzjoni INF 3, maħruġa kif suppost skond l-Artikoli 35 u 41 tad-Deċiżjoni 1/2001 tal-Kumitat għall-Kooperazzjoni tad-Dwana KE-Turkija, mit-Turkija jew l-Istati Membri ġodda għandhom ikunu aċċettati fil-pajjiżi rispettivi.

2. Karti ta' l-Informazzjoni duppliċi INF 3 maħruġa skond l-Artikolu 40 tad-Deċiżjoni 1/2001 jeħtieġ li jkunu approvati b'waħda mill-kliem li ġejjin.

ES "DUPLICADO"

CS "DUPLIKÁT"

DA "DUPLIKAT"

DE "DUPLIKAT"

ET "DUPLIKAAT"

EL "ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ"

EN "DUPLICATE"

FR "DUPLICATA"

IT "DUPLICATO"

LV "DUBLIKĀTS"

LT "DUBLIKATAS"

HU "MÁSODLAT"

MT "DUPLIKAT"

NL "DUPLICAAT"

PL "DUPLIKAT"

PT "SEGUNDA VIA"

SL "DVOJNIK"

SK "DUPLIKÁT"

FI "KAKSOISKAPPALE"

SV "DUPLIKAT"

TR "İKİNCİ NÜSHADIR"

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI

Artikolu 9

Prova ta' l-istatus taħt id-dispożizzjonijiet dwar ċirkolazzjoni ħielsa għall-prodotti industrijali

1. Il-provi ta' l-oriġini maħruġa kif suppost kemm mit-Turkija jew inkella minn Stat Membru ġdid fil-qafas ta' ftehimiet preferenzjali ta' kummerċ applikati bejniethom, u li jippermettu akkumulazzjoni ta' l-oriġini mal-Komunità abbażi ta' regoli identiċi ta' l-oriġini u projbizzjoni ta' kwalunkwe żvantaġġ jew sospensjoni tat-taxxi tad-dwana fuq l-oġġetti kkonċernati, jridu jkunu aċċettati fil-pajjiżi rispettivi bħala prova ta' l-istatus taħt id-dispożizzjonijiet dwar ċirkolazzjoni ħielsa għal prodotti industrijali, stipulati f'Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill t'Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995, bil-kundizzjoni li:

(a) il-prova ta' l-oriġini u d-dokumenti tat-trasport inħarġu mhux aktar tard mit-30 t'April 2004;

(b) il-prova ta' l-oriġini kienet ippreżentata lill-awtoritajiet tad-dwana fi żmien il-perjodu ta' erba' xhur mill-1 ta' Mejju 2004.

Fejn l-oġġetti kienu dikjarati għall-importazzjoni kemm mit-Turkija jew inkella Stat Membru ġdid, qabel l-1 ta' Mejju 2004, fil-qafas ta' ftehimiet preferenzjali ta' kummerċ imsemmija hawn fuq, prova ta' l-oriġini maħruġa retrospettivament taħt dawn il-ftehimiet tista' tkun aċċettata wkoll sakemm tkun ippreżentata lill-awtoritajiet tad-dwana mhux aktar tard mill-31 t'Awissu 2004.

2. Talbiet għal verifika sussegwenti tal-prova ta' l-oriġini li hemm referenza għalihom fl-ewwel paragrafu hawn fuq għandhom jiġu aċċettati mill-awtoritjiet tad-dwana kompetenti tat-Turkija jew ta' l-Istati Membri ġodda għal perjodu ta' tliet snin wara l-ħarġa tal-prova ta' l-oriġini kkonċernata u jistgħu jsiru minn dawk l-awtoritajiet għal perjodu ta' tliet snin wara l-aċċettazzjoni tal-provi ta' l-oriġini ppreżentati lil dawk l-awtoritajiet bħala sostenn għal dikjarazzjoni ta' l-importazzjoni.

Artikolu 10

Prova ta' l-oriġini u kooperazzjoni amministrattiva taħt id-dispożizzjoni tal-ftehimiet preferenzjali dwar prodotti ta' faħam u azzar u prodotti agrikoli[15]

1. Provi ta' l-oriġini maħruġa kif suppost mit-Turkija jew minn Stat Membru Ġdid fil-qafas ta' ftehim preferenzjali applikati bejniethom għal prodotti ħlief dawk imsemmija fl-Artikolu 9, għandhom jiġu aċċettati fil-pajjiżi rispettivi bil-kundizzjoni li:

[15] Imsemmija fl-Att tat-Trattat ta' l-Adeżjoni, Anness IV Nru 5, paragrafi 3 u 5.

(a) (a) il-kisba ta’ tali oriġini simili tikkonferixxi trattament preferenzjali għat-tariffi fuq il-bażi tal-miżuri preferenzjali għat-tariffi li hemm jew fil-Ftehim dwar prodotti tal-faħam u l-azzar jew fid-Deċiżjoni dwar prodotti agrikoli;

(b) il-prova ta’ l-oriġini u d-dokumenti tat-trasport kienu maħruġa mhux aktar tard mit-30 t’April 2004;

(c) il-prova ta’ l-oriġini kienet ippreżentata lill-awtoritajiet tad-dwana fi żmien il-perjodu ta’ erba’ xhur mill-1 ta’ Mejju 2004.

Fejn l-oġġetti kienu dikjarati għall-importazzjoni jew mit-Turkija jew Stat Membru ġdid, qabel l-1 ta' Mejju 2004, taħt ftehimiet preferenzjali applikati bejn it-Turkija u dak l-Istat Membru ġdid f’dak il-ħin, prova ta’ l-oriġini maħruġa retrospettivament taħt dawn il-ftehimiet jew arranġamenti tista’ tkun aċċettata wkoll sakemm tkun ippreżentata lill-awtoritajiet tad-dwana sa mhux aktar tard mill-31 t'Awissu 2004.

2. It-Turkija u l-Istati Membri l-ġodda huma awtorizzati biex iżommu l-awtorizzazzjonijiet li bihom l-istatus ta’ “esportaturi approvati” ġie mogħti fil-qafas ta’ ftehim preferenzjali applikati bejniethom, sakemm:

(a) tali dispożizzjoni hija prevista wkoll fil-ftehimiet konklużi qabel l-1 ta’ Mejju 2004 bejn it-Turkija u l-Komunità; u

(b) l-esportatur approvat japplika r-regoli ta’ l-oriġini fis-seħħ taħt il-ftehim li huma previsti kemm fil-Protokoll 1 għall-Ftehim dwar prodotti tal-faħam u l-azzar jew inkella fil-Protokoll 3 għad-Deċiżjoni dwar prodotti agrikoli.

Dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu sostitwiti mhux aktar tard minn sena wara d-data ta’ l-adeżjoni, b’awtorizzazzjoniet ġodda maħruġa taħt il-kundizzjonijiet tal-Protokoll 1 għall-Ftehim dwar prodotti tal-faħam u l-azzar jew dawk fil-Protokoll 3 għad-Deċiżjoni dwar prodotti agrikoli.

3. Talbiet għal verifika sussegwenti tal-prova ta' l-oriġini maħruġa taħt il-ftehim preferenzjali li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 1 u 2 hawn fuq għandhom jiġu aċċettati mill-awtoritjiet tad-dwana kompetenti tat-Turkija jew ta' l-Istati Membri għal perjodu ta’ tliet snin wara l-ħarġa tal-prova ta’ l-oriġini kkonċernata u jistgħu jiġu magħmula minn dawk l-awtoritajiet għal perjodu ta’ tliet snin wara l-aċċettazzjoni tal-provi ta’ l-oriġini ppreżentati lil dawk l-awtoritajiet bħala sostenn għal dikjarazzjoni ta’ l-importazzjoni.

Artikolu 11

Oġġetti li qegħdin jinġarru

1. Id-dispożizzjonijiet dwar ċirkolazzjoni ħielsa għal prodotti industrijali, stipulati fid-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill t’Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta’ Diċembru 1995, jew it-trattament preferenzjali ta’ tariffi mogħti fuq il-bażi tal-miżuri preferenzjali għat-tariffi li hemm kemm fil-Ftehim dwar prodotti tal-faħam u l-azzar jew inkella fid-Deċiżjoni dwar prodotti agrikoli jistgħu jkunu applikati għal oġġetti esportati jew mit-Turkija għal wieħed mill-Istati l-Membri ġodda jew minn wieħed mill-Istati Membri l-ġodda għat-Turkija, li jikkonformaw jew mal-kundizzjonijiet għall-

implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ċirkolazzjoni ħielsa għal prodotti industrijali jew mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 għall-Ftehim dwar prodotti tal-faħam u l-azzar jew Protokoll 3 għad-Deċiżjoni dwar prodotti agrikoli u li fid-data ta' l-adeżjoni qegħdin jinġarru jew qed jinħażnu temporanjament, f'maħżen tad-dwana jew f'żona ħielsa fit-Turkija jew f'dak l-Istat Membri ġdid.

2. Dispożizzjonijiet dwar ċirkolazzjoni ħielsa ta' prodotti industrijali għandom ikunu applikati jew trattament preferenzjali ta' tariffi għandu jingħata f'każijiet simili, soġġett għal-preżentazzjoni ta' l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż ta' l-importazzjoni, fi żmien erba' xhur mid-data ta' l-adeżjoni, ta' prova ta' l-istatus jew prova ta' l-oriġini maħruġa retrospettivament mill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż ta' l-esportazzjoni.

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 12

Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali mill-Ftehim ta' Ankara.

Artikolu 13

1. Dan il-Protokoll għandu jkun ratifikat jew approvat mill-Partijiet skond il-proċeduri tagħhom.

2. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulin bit-temma tal-proċeduri korrispondenti msemmija fil-paragrafu preċedenti. L-istrumenti ta' ratifika jew approvar għandhom jiġu ddepożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 14

Dan il-Protokoll irid jidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata ta' l-ewwel xahar wara d-data tad-depożitu ta' l-aħħar strument ta' ratifika jew approvar; irid japplika mill-1 ta' Mejju 2004.

Artikolu 15

Dan il-Protokoll huwa mfassal b'żewġ kopji biċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, is-Sloven, is-Slovakk, l-Ispanjol u l-Iżvediż u bit-Tork, u kull wieħed minn dawn it-testi huwa daqsinsew awtentiċi.

Artikolu 16

It-test tal-Ftehim ta' Ankara, inklużi l-Annessi u l-Protokolli li jiffurmaw parti integrali minnu, u l-Att Finali flimkien mad-dikjarazzjonijiet annessi lilhom għandhom jiġu mfassla bil-lingwa Ċeka, l-Estonjana, l-Ungeriża, il-Latvjana, il-Litwana, il-Maltija, il-Pollakka,l-Islovakka u L-Islovena u dawn it-testi jridu jkunu awtentiċi l-istess bħat-testi oriġinali. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsill trid tapprova dawn it-testi.

Magħmul fi Brussell,

GĦALL-ISTATI MEMBRI...

GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA...

GĦAR-REPUBBLIKA TAT-TURKIJA...